MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1700/2004

**Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Robert Cassar, sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Robert Cassar (C 21550)**

**vs**

**Matthew Debattidsta u b'digriet tas-26 ta' Ottubru, 2004, giet ordnata il-korrezzjoni fis-sens li minflok il-kunjom Debattidsta jitnizzel il-kunjom Debattista.**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Settembru, 2004 fejn intalab il-hlas ta' hames mija u erbgha u erbghin lira Maltija u tlieta u sittin centezmu (Lm544.63), jew somma ohra verjuri, li t-Tribunal**

**joghgbu jakkorda, jekk hemm bzonn permezz ta' perit jew periti nominandi, tirrapprezenta danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku tal-4 ta' Awissu, 2003 gewwa Haz-Zabbar bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BJC 001 misjuqa minn Robert Cassar u propjeta' tal-istess Robert Cassar, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EMR 333 misjuqa mill-konvenut, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess konvenut.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Mejju, 2004 ipprezentata kontra l-konvenut, u l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment kontra s-socjeta' assikurattrici tal-konvenut ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenut, li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fis-6 ta' Ottubru, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut, debitament notifikat baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba tal-atturi, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh,  u jikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' hames mija u erbgha u erbghin lira Maltija u tlieta u sittin centezmu (Lm544.63) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mill-5 ta' Mejju, 2004 sad-data tal-hlas effettiv.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Mejju, 2004 ipprezentata kontra l-konvenut, u l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment kontra s-socjeta' assikurattrici tal-konvenut ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------